Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 3 ta' Lulju 2018**
**(OR. en)**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2018/0258 (COD)**

**10325/18**
**ADD 3**

**UD 134**
**ENFOCUSTOM 129**
**MI 487**
**COMER 60**
**TRANS 278**
**ECOFIN 637**
**CODEC 1129**
**CADREFIN 140**

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur |
| data meta waslet: | 12 ta' Ġunju 2018 |
| lil: | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2018) 474 final, ANNEXES 1-2 |
| Suġġett: | ANNESSI tal-Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi l-istrument ta' appoġġ finanzjarju għat-tagħmir ta' kontroll doganali bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2018) 474 final, ANNEXES 1-2.

---

Mehmuż: COM(2018) 474 final, ANNEXES 1-2

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Strasburgu, 12.6.2018
COM(2018) 474 final

ANNEXES 1 to 2

# ANNESSI

**tal-Proposta għal**

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jistabbilixxi l-istrument ta' appoġġ finanzjarju għat-tagħmir ta' kontroll doganali bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri**

{SWD(2018) 347} - {SWD(2018) 348} - {SEC(2018) 315}

## ANNESS 1

**Lista indikattiva tat-tagħmir ta' kontroll doganali marbut mal-iskopijiet tal-kontrolli doganali msemmijin fl-Artikolu 6(1)(b)**

| SKOP TAL-KONTROLLI DOGANALI | TAGĦMIR TA' KONTROLL DOGANALI | |
|---|---|---|
| | **KATEGORIJA** | **UŻU** |
| L-ispezzjoni mhux invażiva | Skener bir-raġġi X li juża livell għoli ta' enerġija | Għall-kontejners, għat-trakkijiet u għall-vaguni tal-ferrovija |
| | Skener bir-raġġi X li juża livell baxx ta' enerġija | Għall-palits, għall-kaxxi u għall-pakketti |
| | | Għall-bagalji tal-passiġġieri |
| | Retrodiffużjoni tar-raġġi X | Għall-kontejners |
| | | Għat-trakkijiet |
| | | Għall-vetturi |
| | Tagħmir ieħor | Għas-sistemi ta' rikonoxximent awtomatiku tal-pjanċi tal-vetturi jew tal-kontejners |
| | | Għall-imwieżen għall-vetturi |
| | | Għall-forklifters u għat-tagħmir mobbli ta' kontroll doganali simili |
| L-indikazzjoni ta' oġġetti moħbija fuq il-persuni[1] | Portal tar-retrodiffużjoni tar-raġġi X | Dan it-tagħmir jintuża l-iktar fl-ajruporti biex jinstabu l-oġġetti moħbija fuq il-persuni (id-drogi, l-isplussivi, il-flus kontanti) |
| | Skener tal-persuna | |
| Id-detezzjoni tar-radjazzjoni u l-identifikazzjoni tan-nuklidi | Id-detezzjoni radjoloġika u nukleari | Għad-detetturi personali tar-radjazzjoni |
| | | Għad-detetturi portabbli tar-radjazzjoni |
| | | Għall-apparat għall-identifikazzjoni tal-isotopi (RIID) |
| | | Għad-detetturi portiċi tar-radjazzjoni (RPMs) |
| | | Għad-detetturi portiċi spettrometriċi għall-identifikazzjoni tal-isotopi (SPMs) |
| L-analiżi tal-kampjuni fil-laboratorji | L-identifikazzjoni, il-kwantifikazzjoni u l-verifika tal-oġġetti kollha possibbli | Għall-kromatografija b'fażi gassuża u għall-kromatografija b'fażi likwida (GC, LC, HPLC, eċċ.) |
| | | Għall-ispettrometrija u għal tekniki kkombinati magħha (l-ispettroskopija bl-infraaħmar, l-ispettroskopija Raman, l-ispettroskopija ultravjola-viżibbli (UV-VIS), il-fluworexxenza, il-kromatografija b'fażi gassuża/l-ispettrometrija ta' massa, eċċ.) |
| | | Għat-tagħmir bir-raġġi X (il-fluworexxenza bir-raġġi X, eċċ.) |
| | | Għall-ispettrometrija bir-reżonanza manjetika |

[1] Soġġett għad-dispożizzjonijiet leġiżlattivi applikabbli u għal rakkomandazzjonijiet oħrajn marbutin mal-protezzjoni tas-saħħa u mar-rispett tal-privatezza.

| SKOP TAL-KONTROLLI DOGANALI | TAGĦMIR TA' KONTROLL DOGANALI | |
|---|---|---|
| | | nukleari (NMR) u għall-analiżi tal-isotopi stabbli |
| | | Għal tagħmir ieħor tal-laboratorju (l-ispettrometrija tal-assorbiment atomiku, l-analizzatur tad-distillazzjoni, il-kalorimetrija differenzjali bl-iskennjar, l-elettroforeżi, il-mikroskopju, l-għadd bix-xintillazzjoni likwida, il-magna tat-tipjip, eċċ.) |

| SKOP TAL-KONTROLLI DOGANALI | TAGĦMIR TA’ KONTROLL DOGANALI | |
|---|---|---|
| | KATEGORIJA | UŻU |
| Il-kampjunar u l-analiżi tal-kampjuni fuq il-post | Id-detezzjoni tat-traċċi abbażi tal-ispettrometrija tal-mobbiltà jonika | Għat-tagħmir portabbli li jintuża għad-detezzjoni ta’ traċċi ta’ materjal perikoluż speċifiku |
| | Id-detezzjoni tat-traċċi bl-użu tal-klieb | Din tintuża l-iktar għal diversi riskji marbutin mal-oġġetti ż-żgħar u l-kbar |
| | Il-kampjunar | Għall-għodod biex jittieħdu l-kampjuni, għall-kappoċċ tal-estrattur u għar-reċipjent issiġillat imsejjaħ “glovebox” |
| | Il-laboratorji mobbli | Għall-vetturi li jkun fihom it-tagħmir kollu għall-analiżi tal-kampjuni fuq il-post |
| | [L-analiżi tal-materjal organiku, tal-metalli u tal-ligi] Id-detetturi portabbli | Għat-testijiet kimiċi kolorimetriċi |
| | | Għall-ispettroskopija Raman |
| | | Għall-ispettroskopija bl-infraaħmar |
| | | Għall-fluworexxenza bir-raġġi X |
| | | Għad-detetturi tal-gass għall-kontejners |
| It-tiftix b’apparat portabbli | L-għodod portabbli personali | Għall-għodod tal-but |
| | | Għas-settijiet ta’ għodod mekkaniċi |
| | | Għall-mirja teleskopiċi |
| | L-apparat | Għall-endoskopji |
| | | Għad-detetturi fissi jew portabbli tal-metalli |
| | | Għall-kameras biex jiġi ċċekkjat qiegħ il-vetturi |
| | | Għall-apparat ultrasoniku |
| | | Għall-miters għall-kejl tad-densità |
| | Tagħmir ieħor | Għat-tiftix taħt wiċċ l-ilma |

## ANNESS 2

**Indikaturi**

Għan speċifiku: li jingħata kontribut biex ikun hemm kontrolli doganali adegwati u ekwivalenti permezz tax-xiri, tal-manutenzjoni u tal-aġġornament ta' tagħmir ta' kontroll doganali li jkun rilevanti, modern u affidabbli

1. **Tagħmir disponibbli**

(a) Id-disponibbiltà fil-punti tal-qsim tal-fruntiera fuq l-art ta' tagħmir ta' kontroll doganali li jilħaq l-istandards maqbulin (skont it-tip ta' tagħmir)

(b) Id-disponibbiltà fil-punti tal-qsim tal-fruntiera bil-baħar ta' tagħmir ta' kontroll doganali li jilħaq l-istandards maqbulin (skont it-tip ta' tagħmir)

(c) Id-disponibbiltà fil-punti tal-qsim tal-fruntiera bl-ajru ta' tagħmir ta' kontroll doganali li jilħaq l-istandards maqbulin (skont it-tip ta' tagħmir)

(d) Id-disponibbiltà fil-punti tal-qsim tal-fruntiera li huma ċentri postali ta' tagħmir ta' kontroll doganali li jilħaq l-istandards maqbulin (skont it-tip ta' tagħmir)

(e) Id-disponibbiltà fil-punti tal-qsim tal-fruntiera bil-ferrovija ta' tagħmir ta' kontroll doganali li jilħaq l-istandards maqbulin (skont it-tip ta' tagħmir)